MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1400/2004

**Paolo Bonnici Limited u b'digriet tat-Tribunal tal-15 ta' Lulju, 2004 l-isem gie sostitwit bi Stivala Limited**

**Vs**

**Beatrix Fenech**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm151.75c (mija u wiehed u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u li l-mertu gie cedut u sema' lil Dr Vanessa Rossignaud li kkonfermat li l-ispejjez ghadhom dovuta;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------